**Ilqajt miegħek**

Mort is-santwarju nitlob
Kif dħalt sibtek proprju hemm,
Fil-waqt għedt lill-Madonna:
"Int fil-ħalel tiegħi s-sehem".

Komplejt miexi fil-Knisja
Wasalt fis-sagristija,
Ħejjejt sew għall-quddiesa
B'qalbi bil-ferħ mimlija.

Wara li s-sagrifiċċju
Tal-artal tassew intemm,
In-nies daħlet titbierek
Għand dak Alla li biss jħenn.

Kien hemmhekk li kont rajtek
Niftakrek bil-kuruna,
Tant sabiħa u tixgħel
Għal Kristu bdejt ninduna.

U tkellimna w tħadditna
Beriktlek kollox b'imħabba,
Ma' wliedek w anki m'ommok
L-għożża ssuktat titrabba.

Rajt għajnejn il-Madonna
Idemmgħu demgħat tad-dmugħ,
Mill-kwadru tagħha semgħet
Talbek ħelwa bil-wisq tfuħ.

Għax minkejja l-mewġ kollu
Tidħol għalik għal kuraġġ,
U tassew għax fejn ersaqt
Xerridt il-faraġ, raġġ raġġ.

Irrid ngħidlek għażiża
Bosta t-tifkira tiegħek,
Dħalt tgħammar ġewwa qalbi
Xi grazzja li ltqajt miegħek.

Patri Mario Attard OFM Cap
31 ta' Diċembru 2023

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen